Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 1/2014AE

**Joseph Schembri**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

L-Erbgha, 13 ta' Jannar 2016.

Joseph Schembri appella minn decizjoni tal-Arbitru tat-30 ta' Settembru 2013 fejn intqal li fir-rigward tal-perjodu 19 ta' Marzu 1999 sas-17 ta' Jannar 2000 l-appellant Joseph Schembri ma pprezenta l-ebda certifikat mediku u inoltre t-talba tieghu kienet inghalqet fil-15 ta' Frar 1999. L-appellant kien talab lid-Dipartiment sabiex ihallsu b'lura l-beneficcju tal-mard ghall-perjodu 19 ta' Marzu 1999 sas-17 ta' Jannar 2000. B'ittra datata 27 ta' Mejju 2013 u mibghuta mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, l-appellant gie nfurmat:

*"Dan id-Dipartiment jixtieq jinfurmak mill-gdid li f'dan il-perjodu ma gie pprezentat l-ebda certifikat mediku tat-tip NI46/48/53 lil dan id-Dipartiment. Sahansitra t-talba tieghek ghall-Beneficcju tal-Mard datata 8 ta' Awissu 1998 giet maghluqa bic-certifikat FINALI bin-numru B197139; data tal-ezami mediku 15 ta' Marzu 1999"*.

L-aggravji tal-appellant huma li:-

1. Waqt il-proceduri quddiem l-Arbitru kien iddikjara li kien ipprezenta c-certifikati medici kollha u ma kellux kopja taghhom.
2. Hemm certifikat mediku ta' Dr Robert Portelli tal-20 ta' Frar 2007 li ccertifika li bejn Frar 1999 u Frar 2000 l-appellant kien qieghed isofri minn *"... relapsing depressive illness rendering him unfit for work"*.
3. F'kull kaz irrizulta li fil-perjodu in kwistjoni l-appellant ma kienx f'posizzjoni li jahdem kif jirrizulta minn zewg ittri.

L-appellat ipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn id-decizjoni tal-Arbitru kienet gusta.

Il-qorti rat l-atti u tosserva:-

1. M'hemm l-ebda ndikazzjoni li fil-perjodu in kwistjoni l-appellant kien ipprezenta lid-Dipartiment certifikati medici relattivi.

2. Hu stramb kif l-appellant dam jistenna tlettax-il sena sabiex jirreklama l-beneficcju tal-mard ghall-perjodu 19 ta' Marzu 1999 sas-17 ta' Jannar 2000.
3. Ghalkemm fir-rikors tal-appell saret riferenza ghal certifikati medici ta' Dr Robert Portelli u Joseph Spiteri, dawn id-dokumenti m'humiex fl-atti. F'kull kaz in vista ta' dak li ser jinghad hawn taht, dawn id-dokumenti ma jistghux ikunu ta' ghajnuna ghal pretensjoni tal-appellant.
4. Il-qorti ma tistax tistrieh fuq id-dokumenti li gew prezentati fil-mori tal-proceduri gialadarba ma jitfghu l-ebda dawl fuq il-perjodu in kwistjoni.
5. L-appellant ghamel riferenza ghal ittra tad-Dipartiment tat-Tezor datata 16 ta' Mejju 2013 li fiha jinghad: *"This is to inform you that between August 1998 and the 17th January 2000 Mr Joseph Schembri was receiving a Treasury pension having been boarded out in August 1998 from Government service due to ill health".* Jirrizulta li d-Dipartiment kien gharraf lill-appellant li t-talba tal-appellant *"…… ghall-beneficcju tal-mard, datata 8 ta' Awissu 1998, giet maghluqa bic-certifikat FINALI bin-numru B197139; data tal-ezami mediku 15 ta' Marzu 1999".* Fatt li ma jirrizultax li gie kkontestat quddiem l-Arbitru. L-Artikolu 97 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) jimponi certu kundizzjonijiet biex jinghataw beneficcji[1], pensjoni, *allowance* jew ghajnuna moghtija taht id-disposizzjonijiet tal-Att, fosthom li jigu pprezentati c-certifikati medici li jista' jitlob id-Direttur[2]. Mid-dokumenti prezentati quddiem din il-qorti fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2015 jirrizulta li d-Direttur jezigi li kull gimgha l-beneficjarju jipprezenta certifikat mediku. Fil-kaz in ezami m'hemmx prova li fil-perjodu in kwistjoni l-appellant kien qieghed jipprezenta certifikati medici. Hekk ukoll ma jirrizultax li f'Marzu 1999 l-appellant ghamel talba ghal beneficcju tal-mard entro t-terminu kontemplat fis-subinciz (2) tal-Artikolu 97. L-istess provvediment jistipula wkoll:-

   *"Iżda jekk ma ssir l-ebda talba għal xi benefiċċju, pensjonijiet, allowances jew għajnuna imsemmijin qabel fil-limiti ta' żmien imsemmijin qabel,* ***id-dritt għal dawk il-benefiċċji, pensjonijiet, allowances u għajnuna jibda jgħodd biss mill-jum li fih it-talba relattiva tkun aċċettata mid-Direttur bħala li tkun uffiċjalment riċevuta mid-Dipartiment****……".*

   Talba li jidher li baqghet qatt ma saret sakemm tlettax-il sena wara l-appellant talab li jithallas il-beneficcju tal-mard ghall-perjodu 19 ta' Marzu 1999 u 17 ta' Jannar 2000. Fic-cirkostanzi u a bazi tal-provi li tressqu, id-Direttur kellu kull dritt li jirrifjuta t-talba tal-appellant sabiex jithallas beneficcji tal-mard ghall-perjodu in kwistjoni.

---
[1] Inkluz tal-mard.
[2] Skond din id-disposizzjoni *"(1) Tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna ghal xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna moghtija taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att….."* li tissodisfa tali rekwiziti sabiex tinghata l-ghajnuna.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell. Billi l-appellant kellu l-beneficcju tal-ghajnuna legali, m'hemmx x'jinghad dwar il-kap tal-ispejjez.**

Anthony Ellul.